MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 2759/1997/1

**Anthony Grima.**

**vs.**

**Jason Pace u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 1998 l-Avukat Dottor Stephen Thake bhala segretarju u ghan-nom tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u din bhala mandatarju tal-assenti Andrew Wallace f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta estera assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds giet amessa sabiex tintervjeni f'din il-kawza "*in statu et terminu*".**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Dicembru 1997 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn gie premess:-

Illi minhabba imprudenza, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-konvenut u dan b'dannu tal-attur, gew ikkagunati danni meta fil-25 ta' Dicembru 1995 fis-2:00 a.m. fi Sliema Road, Gzira l-konvenut tajjar lill-attur bil-vettura tieghu li ggib in-numru ta' registrazzjoni S – 1744 filwaqt illi l-attur kien qed jaqsam l-imsemmija triq;

Illi dawn id-danni, kemm bhal danni emergenti u kemm bhal *lucrum cessans*, jikkonsistu f'danni fuq il-persuna tal-attur ukoll f'telf ta' qliegh fuq ix-xoghol tieghu;

Illi minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenut;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli tad-danni sofferti mill-attur meta fil-25 ta' Dicembru 1995 fis-2:00 a.m. fi Sliema Road, Gzira l-konvenut tajjar lill-attur bil-vettura tieghu li ggib in-numru ta' registrazzjoni S – 1744, filwaqt illi l-attur kien qed jaqsam l-imsemmija triq;

2. Tillikwida d-danni kagjonati, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tad-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 1997.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tat-8 ta' Ottubru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Jason Pace datata 11 ta' Awwissu 1998 a fol. 8 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-incident in kwistjoni sehh mhabba fi traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-attur meta ma hax il-prekawzjonijiet kollha li kellu jiehu qabel ma qasam t-triq.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Jason Pace a fol. 8 u 9 tal-process.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 8 ta' Ottubru 1999.

Rat in-nota ta' affidavit attrici datata 11 ta' Novembru 1998
Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Stephen Thake bhala Segretarju u ghan-nom tas-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited u din bhala mandatarja tal-assenti Andrew Wallace f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta estera assikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds datat l-1 ta' Dicembru 1998 a fol. 26 tal-process fejn talab li jintervjeni f'din il-kawza "*in statu et terminu*" u dan ghall-finijiet premessi; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Frank G. Camilleri, wara li rat l-**artikolu 960 tal-Kap 12**, laqghet it-talba b'digriet moghti fis-7 ta' Dicembru 1998 kif jidher a fol. 27 tal-process.

Rat in-nota ta' Rilievi datata 9 ta' April 1999 tal-Avukat Dottor Stephen Thake bhala ntervenut fil-kawza fil-kwalita' tieghu a fol. 33 tal-process fejn eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjent *nomine* ghandu nteress dirett, immedjat u guridiku f'din il-kawza illi f'dan l-istadju jipprova illi l-vettura misjuqa mill-konvenut ma kinetx koperta minn polza tal-assikurazzjoni mahruga mill-eccipjent u ghalhekk

ma hemmx l-obbligu tal-esponent illi jaghmel tajjeb ghad-danni kkawzati lil terzi mill-uzu tal-istess vettura;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-eccipjent *nomine* ghandu wkoll interess dirett, immedjat u guridiku f'din il-kawza illi jikkonsisti filli jikkontrolla, wkoll, il-veracita` tal-allegazzjoni tal-attur *nomine* illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza u l-verifika tal-*'quantum'* u n-natura tad-danni reklamati mill-attur *nomine*.

3. Illi fil-meritu jidher illi l-incident meritu tal-kawza ma garax minhabba xi tort da parti tal-konvenut.

4. Illi l-attur ghandu jipprova d-danni minnu allegati.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Avukat Dottor Stephen Thake nomine flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 34 u 35 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Frank G. Camilleri datati 24 ta' Marzu 1999 sa 8 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta mid-9 ta' Ottubru 2000 sal-24 ta' April 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef David Scicluna datata 19 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri datati 10 ta' Jannar 2003 sat-18 ta' Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Gunju 2004 fejn l-attur talab korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li n-numru tar-Registrazzjoni tal-vettura misjuqa mill-konvenut jigu midbul minn "S – 1741" ghal "S – 1744" u d-digriet datat 23 ta' Gunju 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba, u fejn fl-

istess seduta tal-istess data kemm il-konvenut u kemm l-intervenut fil-kawza Dr. Stephen Thake taw ruhhom notifikati bic-citazzjoni kif korretta.

Rat id-digriet datat 18 ta' Ottubru 2005 fejn il-Qorti nnominat lill-konsulent ortopediku Charles Grixti biex jezamina lill-attur dwar il-feriti meritu tal-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta datati 18 ta' Jannar 2006, 23 ta' Frar 2006, 9 Mejju 2006 il-Qorti fejn giet nnominata bhala Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli sabiex tisma' l-provi kollha li fadal; l-1 ta' Novembru 2006 fejn il-Perit Mediku halef ir-rapport; 13 ta' Frar 2007; 5 ta' Gunju 2007; l-1 ta' Novembru 2007; 13 ta' Marzu 2008; 24 ta' Gunju 2008; u tal-4 ta' Marzu 2009 fejn Dr. David Farrugia Sacco ghall-konvenut ipprezenta nota ta' osservazzjonijiet b'kopja lid-difensuri tal-kontro-parti. Dr. Thake rrimetta ruhu ghall-atti u deher Dr. Joseph Brincat ghall-konvenut u l-kawza giet differita ghat-28 ta' Mejju 2009 ghas-sentenza u tat-28 ta' Mejju 2009 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Gunju 2009.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Mr. Charles Grixti datat 21 ta' Dicembru 2005 u mahluf fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2006 (fol. 179).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda quddiemha prodotta ta' Jason Pace, Anthony Pace u Anthony Grima tat-22 ta' Novembru 2006;

Rat in-nota tal-attur datata 24 ta' Novembru 2008 (fol. 203).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Jason Pace datata 4 ta' Marzu 2009 (fol. 207).

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur qed isostni li fil-25 ta' Dicembru 1995 f'xi 2.00.a.m. waqt li kien qed jaqsam Sliema Road, Gzira huwa gie nvestit mill-konvenut li kien qed isuq il-vettura Reg. No. S – 1744. Fil-fatt huwa jghid li kien qasam sa nofs it-triq u waqaf f'nofs it-triq sabiex jara jekk kienux gejjien karozzi mid-direzzjoni opposta u ra mill-boghod dawl ta' karozza gejja, li kkalkola li kien jilhaq jaqsam, izda jghid li kif kien sejjer jaqsam huwa ntlaqat mill-vettura bil-genb tan-naha ta' quddiem fuq in-naha tas-sewwieq. Jidher li l-istess attur qal l-istess kliem lill-Carmela Pace omm il-konvenut (xhieda datata13 ta' April 2005).

Illi min-naha l-ohra jirrizulta l-konvenut jghid li huwa kien niezel minn Sliema Road, Gzira u qasmet persuna li huwa ma' rahx (okkorrenza – Dok. "PD" – fol. 78 – xhieda tieghu datata 16 ta' Frar 2005); din ix-xhieda hija kkonfermata minn P.S. 909 Paul Buhagiar li nvestiga l-incident li spjega fl-istess xhieda fejn sar l-incident u li hemm it-triq ma hijiex imdawwla hafna.

Illi minn dan l-istat ta' provi din il-Qorti thoss li l-incident gara tort kemm tal-attur li meta qasam it-triq ma esplorax sewwa t-triq qabel ma' ghamel dan, tant li waqaf f'nofs tat-triq fejn gie milqut mill-vettura misjuqa mill-konvenut, mentri l-konvenut ma zammx *proper look out* ghaliex lill-attur ma rahx qabel l-impatt; il-fatt li kien kmieni fil-ghodu u pjuttost id-dlam, ma jeskulpax lill-konvenut, li kellu iktar joqghod attent ghal dak li hemm quddiemu fit-triq. Ghalhekk fuq l-iskorta tal-principji ndikati fis-sentenza **"Stephen Borg vs Godwin Sant"** (P.A. (RCP) – 26 ta' Frar 2009) din il-Qorti thoss li r-responsabbilita' tal-incident ghandha tigi apporzjonata nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenut.

Illi dwar id-danni sofferti mill-attur jidher li l-istess sofra dizabbilita' permanenti ta' 3% u dan skont rapport mediku ta' Mr. Charles Grixti datat l-1 ta' Novembru 2006 (fol. 179) u jirrizulta li kellu 49-il sena meta sehh l-incident u allura din il-Qorti ser tapplika *multiplier* ta' 13-il sena. Jirrizulta li kellu ntrojtu ta' €162.85 fil-gimgha w allura paga ta' €8,468.20 fis-sena, u bil-multiplicand din ghandha twassal ghal €9,315.02 u allura l-ammont ta' *lucrum cessans* huwa ta' €3,632.85 (€9,315.02 x 13 x 3% = €3,632.85).

Illi dwar *damnum emergens* jirrizulta li ma marx ix-xoghol minhabba l-incident mis-26 ta' Dicembru 1995 sal-10 ta' Jannar 2007 u dan wassal ghall-telf ta' paga skond in-nota attrici datata 24 ta' Novembru 2008 ghall-ammont ta' Lm5,452.98 ekwivalenti ghall-€12,702.02.

Illi b'hekk id-danni totali sofferti mill-attur jammontaw ghall-€16,334.87, li minnhom il-konvenut ghandu jhallas nofs peress li huwa responsabbli ghall-istess incident fil-grad ta' 50% u dan iwassal ghall-ammont ta' €8,167.45, li minnhom ma ghandu jitnaqqas l-ebda ammont minhabba *lump sum payment* ghaliex ghaddew 14-il sena mid-data tal-incident (**"Angelo Galea vs Joseph D'Agostino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001). F'dan il-kuntest it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens hawn premess u ghall-ammont ta' €8,167.45.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli fil-grad ta' 50% tad-danni sofferti mill-attur meta fil-25 ta'

Dicembru 1995 fis-2:00 a.m. fi Sliema Road, Gzira l-konvenut tajjar lill-attur bil-vettura tieghu li ggib in-numru ta’ registrazzjoni S – 1744, filwaqt illi l-attur kien qed jaqsam l-imsemmija triq fil-waqt li l-attur innifsu huwa ghalhekk responsabbli fil-grad ta’ 50% ghall-istess incident.

2. Tillikwida d-danni kagjonati lill-attur u li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut fl-ammont ta’ tmien t’elef, mija u sebgha u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€8,167.45).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ tmien t’elef, mija u sebgha u sittin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€8,167.45) bhala danni likwidati favur l-attur u dovuti mill-istess konvenut.

Bl-ispejjez tal-kawza bin-nofs bejn il-partijiet, fil-waqt li l-ispejjez tal-intervenut fil-kawza ghandhom jigu sopportati mill-istess intervenut fil-kawza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------